**Apprezzament dwar Marthese Deguara**



Verżjoni faċli-biex-taqra bil-Malti tal-apprezzament li deher f'*The Sunday Times of Malta* tat-28 ta' Ġunju 2020, paġna 50.

Marthese Deguara mietet fl-10 ta' Ġunju. Għal kull min kien jafha, Marthese ħalliet vojt kbir. Jien sirt naf lil Marthese fl-2003 meta bdiet taħdem biex persuni b'diżabilità intellewali jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom. Hi ħadet sehem f'ħafna attivitajiet u wriet kemm il-persuni b'diżabilità intellewali kapaċi jitkellmu għalihom infushom u kemm huma kapaċi jagħmlu affarijiet meta jkollhom is-sapport.

Marthese wriet kemm hawn ideat żbaljati dwar il-persuni b'diżabilità intelletwali u kemm dawn jafu x'qed jiġri madwarhom, kemm huma kapaċi jesprimu x-xewqat tagħhom u jaraw kif il-ħajja tagħhom tista' tkun aħjar.

Marthese kienet kapaċi titkellem ħafna fil-pubbliku. Hi tkellmet f'ħafna attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, inkluż il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità, seminars u konferenzi. Kienet ukoll tieħu sehem f'talks mal-istudenti tal-Università. Kienet ukoll membru tal-Kumitat Konsultattiv tal-Persuni b'Diżabilità u segretarja tal-*Grupp Flimkien Naslu*.

Dawk kollha li kellna x-xorti li nsiru nafu lil Marthese se nibqgħu niftakruha għall-karattru ferrieħi tagħha, it-tbissima sabiħa u d-daħqa mqarba tagħha.  Hi

kienet ukoll tieħu ħsieb ta’ kulħadd: dejjem lesta tgħin lil persuni b’diżabilità oħra u dejjem issaqsi għan-nies li taf, speċjalment jekk meta jkunu ma jifilħux. Hi kienet tħobb toħroġ u tagħmilha man-nies, tiltaqa’ mal-ħbieb u tagħmel ħbieb ġodda – xi ħaġa li dan l-aħħar ma setgħatx tagħmel minħabba l-lockdown.

Marthese kienet persuna importanti fil-ħajja tal-familja tagħha, staff u klijenti taċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum tal-Mtarfa u ta’ Dar il-Kaptan; tal-istaff fil-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità u dawk li kienu fil-KNPD; tal-membri tal-*Grupp Flimkien Naslu* u għadqiet oħrajn; tal-gruppi tat-talb li kienet tattendi; tal-istaff u resident tad-Dar tal-Anzjani tal-Mtarfa; u tal-ħafna ħbieb li għamlet matul ħajjitha. Kollha kemm aħna għandna xi storja dwar Marthese li nibqgħu ngħożżu, aħna u niftakru kemm kienet iġġib ferħ f’ħajjitna.

Lil Marthese dejjem se nimmissjawha. Ħajjitna għandha xi ħaġa nieqsa mingħajrha. Imma se nibqgħu niftkaruha fix-xogħol li nagħmlu favur id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità. Aħna nafu li issa qegħda f’post aħjar u li qed issebbaħ il-Ġenna.

Anne-Marie Callus